# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Mrs R Inguanez Bonnici
41 Victoria st, ~~70 Strada S Giovanni~~
Birkirkara ~~HAMRUN~~

**Id-disa' Sena** **Sett-Ottubru 1939** **Għadd 103-104**

**2d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

# *Lehen il-Malti (Università)*

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM*

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1d. IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRI MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR AKBAR GHAR

IJIF

Kull imsieheb li ma jġe [illegible] n wasallu mhux imhallas, ismu jith [illegible]

Kull kitba li tinbaghat [illegible] auqas ma jinghataw fehmiet privati bil-miktub dwar xoghlijiet letterarji mibghuta.

Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u ghalhekk il-kitba ta' dawn tiehu l-ewwel post.

Il-kitba ta' barranin li ma tlahhaqx sa fejn jitlob il-ġurnal tithalla barra minghajr ma tinghata l-ebda raġuni.

Il-kitba ta' nies mhux maghrufa jew imharrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.

Kittieba barranin m'ghandhomx jibaghtu kitba li tiehu iżjed minn tliet faċċati.

Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi haġa iżjed minn Malti safi— sengha u koltura.

Meta kitba tidher fuq isem b'iehor l-editur ghandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.

Lehen il-Malti jiżżi hajr lill-hbieb kollha li jxerrduh fost dawk li ghad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jghinuna nkabbru l-ghadd ta' l-imsehbin.

Ittri u kitba letterarja ghandhom jinbaghtu :

EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)
Empire Press, 266, Triq San Pawl,
Il-Belt.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETTEMBRU-OTTUBRU 1939 ] ID-DISA' SENA [ Għadd 103-104

## JEĦTIEĠ NIFTEHMU

Issa li l-kliem fl-Ilsien Malti ħa sura waħda u sħiħa jeħtieġ neqirdu xi tibjin żgħir li għadu ma qagħadx għal kollox saħansitra fost il-kittieba t-tajbin.

Illum irrid nagħmel ħames mistoqsijiet:—

I — GĦADD IMKATTAR TA' ISMIJIET LI JIBDEW BIL-GĦAJN (Għ)

Jien jidhirli li bħalma *qattus* isir *qtates*, u *kelb klieb*, hekk ukoll *għasfur*, *għarus* għandhom isiru *għsafar*, *għrajjes*, u *għonq għnuq*, u mħabba li dawn fis-sura mkattra ma jistgħux jitlissnu aħna nżidulhom vokali tal-leħen (Ara "Tagħlim fuq il-Kitba Maltija" ta' A. Cremona—L-ewwel ktieb—Regula 58) u niktbuhom agħsafar, agħrajjes, egħnuq.

Il-għala mela ħafna kittieba minn xi daqqiet jiktbu għarajjes, għasafar, għenuq?

II — KLIEM ĠEJ MIT-TALJAN LI GĦANDU FIH L-ITTRA "S"

Għall-ewwel l-ittra "s" li tinħass "ż" kulħadd beda jagħtiha s-sura ta' leħinha u bdejna niktbuha "ż" bħallikieku *pużizzjoni*, *prużuntuż*, eċċ; issa hemm min jiktibha "s" u hemm min jiktibha "ż". Mela niktbu *pis* jew *piż*? *Kas* jew *każ*? *Inglis* jew *Ingliż*? *Prisuntus*, *prizuntus*, *prisuntuż* jew *prizuntuż*? Jeħtieġ li tingħata regula ħalli kull kittieb jiktibhom l-istess.

III — KLIEM ĠEJ MIT-TALJAN LI GĦANDU L-VOKALI "O"

Hawn ukoll l-istess bħal paragrafu ta' qabel ninsabu quddiem l-istess diffikultà. Kif il-Malti għandu xejra biex lis-"s" jagħmilha "ż", hekk ukoll għandu x-xejra biex l-"o" jagħmilha "u"; għalhekk hemm min jikteb *importanti* u hemm min jikteb *impurtanti*. Mela niktbu: *officcju* jew *uffiċċju? Jimpurtani* jew *jimportani?* Hawn ukoll jeħtieġ li tingħata regula li tista' tmexx ilil kulħadd fl-istess triq.

IV — TRIEQ jew TRIQ.

U issa li ġiet taħt il-pinna l-kelma *trieq* jeħtieġ ngħidu kelmtejn fuqha. Sa ftit żmien ilu kulħadd kien jiktibha *trieq*, issa bosta qegħdin jiktbuha *triq*. Il-Prof. Saydon kien kiteb artiklu żmien ilu, jidhirli f'Leħen il-Malti, fejn qal li fis-sewwa għandha tinkiteb *triq* imma mħabba li kulħadd dera jiktibha *trieq* tista' tibqa' tidher f'din l-aħħar sura.

Ma għandna x'ngħidu xejn, il-Prof. Saydon għandu raġun. Kif kulħadd jaf l-ittra maltija *ie* mhix ħaġ'oħra ħlief l-*a miftuħa* fl-ilsien għarbi (*bâb* fil-Għarbi ssir *bieb* fil-Malti, eċċ); mela la fil-Għarbi l-kelma hija *tariq* u mhux *tarâq*, fil-Malti għandha ssir *triq* u mhux *trieq*. Jiena n-nifsi dejjem ktibtha *trieq* għax, kif għidt iżjed 'il fuq . . . . hekk kienu jagħmlu ta' qabilna. Din il-għada ħażina iżda għandha tinqata' u jidhirli li huwa dmir tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li toħroġ twissija biex din il-kelma tinkiteb minn kulħadd xorta waħda: Trieq jew triq? U għal dak li tgħid hija kulħadd jimxi fuqu f'ġieħ il-letteratura maltija.

V — KLIEM IEĦOR LI ĠEJ MIT-TALJAN.

Fil-Malti hemm regula li l-konsonanti ta' għerq il-kelma ma għandhom u la jitbiddlu u la jiżdiedu u anqas ibiddlu mkienhom. Għall-kliem malti kollox sewwa u t-tbar-

rijiet huma ftit ftit wisq u jingħaddu fuq is-swaba' (bħallikieku wiċċ, uċuħ) imma għal xi kliem taljan mhux kulħadd jimxi ma' din ir-regula u jiktbu *uffiċċju* u *uffiċjalment.* Għax mhux *uffiċċju* u *uffiċċjalment* jew *uffiċju* u *uffiċjalment*? Hawn ukoll jeħtieġ li ssir regula u kulħadd jimxi fuqha.

Is-sena l-oħra l-Kumitat tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti," li minnha jagħmlu sehem l-Akkademiċi Maltin, ingħaraf mill-Gvern ta' Malta, jekk mhux uffiċċjalment uffiċċjusament. Jeħtieġ mela li l-Għ. K. M. tagħti t-tweġiba tagħha li kulħadd għandu jqim biex dak is-sħab iswed ċkejken li għadu minn xi daqqiet jidher għaddej fuq rasna, igħib għal kollox.

IVO MUSCAT-AZZOPARDI.

* * *

Naqbel mas-Sur Ivo Muscat-Azzopardi li xi sħab iswed ċkejken li xi daqqiet jidher għaddej fuq il-kitba tal-Malti jgħib għal kollox. Imma ma naħsibx li jgħib għal kollox bit-tagħrif kollu li nista' nagħtih għall-mistoqsijiet tiegħu. Tajt aktar minn darba xi tagħrif żgħir ta' ortografija li kien milqugħ minn xi żgħażagħ, imma qatt ma sar regula. U hekk aktarx jiġri jekk nagħtih it-tagħrif li talab. Għalhekk immorru ras il-għajn u naraw mnejn hi ġejja l-marda.

Fis-sena 1924 ħareġ it-*Tagħrif,* li nistgħu ngħidulu l-Kodiċi tal-kitba tal-Malti. Fuqu tgħallmu kotra ta' żgħażagħ u fuqu nkitbu kotra ta' kotba. Miġbur minn Għaqda ta' kittieba u maħruġ b'isem il-Għaqda tal-kittieba, ħadd ma kellu l-jedd ibiddlu ħlief il-Għaqda nfisha, jew ħadd ieħor bis-setgħa tal-Għaqda. Għalhekk kien jinħtieġ li mill-bidu nett titwaqqaf kummissjoni mill-Għaqda tal-kittieba biex tfisser, tbiddel, iżżid il-liġijiet ta' dak il-Kodiċi tal-kitba. U din il-ħtieġa aktar bdiet tinħass, aktar ma ż-żgħażagħ bdew deħlin iżjed 'il ġewwa fit-tagħlim tal-Malti u bdew iżjed bir-reqqa jgħarblu r-rqaqat kollha tal-kitba. Il-mistoqsijiet fuq din jew dik ir-regula bdew niżlin bħax-xita. Wieħed jidhirlu hekk,

u ieħor jidhirlu hekk. U wieħed jikteb hekk, u ieħor jikteb hekk. Il-mistoqsijiet jew ma jitweġbux, jew ma jitweġbux kif imiss, jew jitwieġbu minn min ma għandu l-ebda setgħa, u għalhekk kelmtu ma tinstemax. Jiena n-nifsi ktibt aktar minn darba u fit-tul li għandna niktbu *dawwru* u mhux *dawru*, *tajjru* u mhux *tajru*. Xi ftit qablu miegħi; iżda l-kotba baqgħu jgħallmu, bħalma kienu jgħallmu, li *dawwru* u *tajjru* huma miktubin ħażin, bla ma jgħidu l-għala.

Għalhekk jekk irridu li s-sħab li għadu jittajjar fuq il-kitba tal-Malti jgħib għal kollox, għandha titwaqqaf kummissjoni li weħidha jkollha l-jedd tfisser, tbiddel, iżżid u tnaqqas ir-regoli tat-*Tagħrif*.

F'ħaġa waħda ma naqbelx. F'xi rqaqat żgħar żgħar aħjar ma nkunux ebsin iżżejjed, imma nagħtu ftit tal-wisa' lill-kittieb biex jagħżel, ngħidu aħna, dik il-vokali li l-aktar iddoqq f'widintu. Imqar f'ilsna oħra, kelma waħda issa tinkiteb b'*a* u issa b'*e*. B'daqshekk l-ebda regula ma tittiesef.

P. P. Saydon.

# IX-XWEJJAH

Iżjed ma jgħaddi ż-żmien, aktar fuq ħsiebek
Jaqa' l-għeja tal-ħajja, w tgħib is-saħħa.
Int donnok tħosshom riesqa wara biebek,
Bla ħoss, bla kliem, il-mewt u l-minġel tagħha.

M'għadekx bħal dari tidħak fl-għors ma' ħbiebek.
Dalwaqt tieqaf tad-demm il-mewġa, w magħha
Tieqaf għal dejjem inti. Waqgħu njiebek,
U ħarstek id-dawl tilfet li jsebbaħha.

Għaddej ħafif il-qlugħ f'baħar sewdieni,
F'baħar sewdieni ta' tiġrib u dnewwa,
. . . U miegħu miexi int, għajjien, waħdieni.

Waqtiet ġo fik l-imgħoddi jqum bla sabar,
Tiftakar fl ogħna ferħ li xrobt, u l-ħlewwa,
U tinsa x'mindaqqiet li qrobt għall-qabar.

Ġużè Chetcuti.

9/VII/39.

# XI TKUN ?

" Xi tkun il-gwerra ? " saqsa tfajjel ċkejken
lil ħuh ftit akbar minnu, " għidli, ħi ;
qaluli : jmorru aħwa u joqtlu 'l aħwa,
in-nies toqtol lin-nies, din kif inhi ? "

" Jiena ma nafx, 'ma darba smajthom jgħidu
li ġġib il-gwerra l-għira tal-bnedmin."
" Xi tkun il-għira ? " " Kruha ta' mibegħda
li l-ġnus iħossu f'qalbhom għal xulxin."

" Tassew li ħafna jmutu ? " " Ħafna, ħija !
bosta jitilfu d-dar, . . . mijiet, mijiet !
il-bini jaqa', kullimkien jiġġarraf,
għera fir-raba', ġuħ u għaks fl-ibliet."

" Jekk qatt tinqala' gwerra jmur missierna ? "
" Ħallik minn dan, ej' norqdu, sar il-ħin ! "
Jintefa d-dawl, it-tnejn flimkien jitħaddnu,
u jorqdu hienja r-raqda taċ-ċkejknin.

F'kamr'oħra mdawla minn musbieħ inemnem
hemm titlob l-omm . . . bil-ħerqa . . . lill-Mulej,
f'ħarsitha kiebja jilma l-ħsieb ta' biża'
li, bla ma jaqta', minn ġo ħsiebha għaddej :

" Mis-sħab tal-gwerra żomm 'l uliedi mbiegħda,
Jien naf l'Int tħares dawn il-qlub safjin,
għaliex ta' waħx bħal dan xi ħtija għandhom ?
M'għamlux, Mulej, ħlief ġid dawn iċ-ċkejknin."

16 - VII - 39. Ġużè Chetcuti.

# Il-għajjat nofs il-bejgħ

Il-għajjat nofs il-bejgħ, kienu jgħidu x-xjuħ tagħna. Min, illum, jista' jgħid li mhux tassew? Mur f'rahal f'jum ta' btala f'ġieħ xi qaddis u isma' x'għajjat: tal-qubbajd, tal-ġelat, tal-pastizzi u qassatat, tal-fwied u l-mazzit moqli; kullħadd min l-iktar igħajjat u n-nies erħilha tixrob u tiekol u tixxala. Mur nhar ta' Ħadd sa fuq il-Monti, il-Belt: dak għajjat, dak agħa jqabbdek il-mejt; kullħadd min l-iżjed igħajjat u n-nies araha tixtri kull ma ssib igħodd għaliha!

Kull fejn tisma' l-għajjat, bla ma tkun trid, tħares, tieqaf u jekk ikollok sold fil-but, tonfqu. Għaliex? Għax dak il-għajjat kollu, jekk tkun nofs ħajra, jagħmilhielek sħiħa, iżid iħajrek u tixtri. Il-għajjat tassew meħtieġ, imma . . . . . għax tgħid din l-imbierka "imma" dejjem u f'kollox issibha, imqar fil-għajjat ukoll. U mhux jewwilla tassew? l-iktar meta jinqala' xi leħen qawwi li minn widnejk ivenvinlek moħħok! Ingħid għalija, fejn nisma' l-għajjat, nitwarrab, nitbiegħed, naħrab u meta ma nistax nagħmel ieħor, insodd widnejja bħat-tfal meta jkunu jistennew xi tfaqqiegħa qawwija.

Ix-xjuħ tagħna sa ma waslu biex qatgħu li tassew l-għajjat nofs il-bejgħ, bil-fors qabel xejn għarrxu sewwa, xtarrew, raw u fehmuha li mingħajr l-għajnuna ta' dak il-ħafna għajjat jibqa' ma jinbiegħx in-nofs. Dana kollu ġej, għaliex in-nies tħobb torbot wisq fuq l-għajjat, fuq it-tlellix, fuq kull ma jolqot l-għajn u l-widna: tħobb wisq tħares lejn il-qoxra ta' barra sakemm din tkun tleqq u fuq hekk erħilha tixtri mqar bil-għama.

Tassew, illum, in-nies ma tħallix min jgħallatha malajr malajr, imma l-għajjat biss donnu baqa' jaħkem fuq il-moħħ, fuq ir-rieda tan-nies, mhux tassew?! . . . Mela mur għodd kemm skrapan jinsabu fid-dinja, qajla jafu sengħethom u mbagħad erħilhom ipaċpċu fuq duwa u fejqan ta' mard daqs kieku x-tobba mgħallmin, xjuħ! Mur għodd kemm qaddejja tal-qrati tismagħhom ilabilbu fuq liġijiet u sentenzi daqs kieku xi mħali lfin u mgħallmin, xjuħ! . . . mur għodd kemm taparsi mgħallmin tismagħhom iħambqu fuq mitt ħaġa bla ma biss ikunu qegħdin jifhmu lilhom infushom u miskin hu min jiftillu jmerihom għax minnufih iħebbu għalih jekk mhux dejjem bl-idejn, bi kliem mhux xieraq żgur! . . . U b'dankollu, in-nies kotrana tismagħhom b'għajnejha mberrqin u tarmi għaqalha fuqhom.

Ta' min jifhimha: il-għajjat, it-tlablib, it-tpaċpiċ, it-ħambiq aktarx jiswa għall-bejjiegħ u mhux dejjem għax-xerrej. Min jorbot wisq fuqhom ma jkunx qiegħed jorbot fis-sħiħ. Ħażin għal min jagħma fuq l-għajjat. Aħsibha u arġa' aħsibha. Qis mitt darba u aqta' darba.

* * *

X'saħħa u x'setgħa għandu l-għajjat fil-bejgħ. Bosta huma dawk li-jitqarrqu bih. Kont għadni żagħżugħ. X'kelli? Ħmistax-il sena? Ommi bagħtitni nixtri ratal laħam għall-qali.

"Minn għand Masu ġibu. Dak dejjem jaqdina tajjeb, millaħjar!" qaltli ommi waqt li għaddietli x-xelin f'idi. F'dak iż-żmien, mhux bħal-lum, ratal għall-qali kien xelin.

Dan Masu kien raġel ftit u xejn imdaħħal fiż-żmien, musfar musfar u rqajjaq irqajjaq; ta' kliem mill-inqas u bl-imrewħa jkeċċi d-dubbien, dejjem f'idu, ma jitlaqha b'xejn ħlief għal dak il-ħin li jkun qiegħed ibigħ xi biċċa laħam. F'kelmtejn kien raġel jaf irazzan ilsienu għaliex kien jaf x'isarraf il-qawl: ***kieku l-kliem kien ġawhar is-skiet aħjar minnu.***

Sewwa sew erba' bibien 'l hinn minnu kien jgħammar bejjiegħ il-laħam ieħor; il-ħanut kbir u dejjem mimli bkull robbu daqshiex imdendel, u fwied u zalzett u mazzit, kollox imgħotti u jħajrek. Fuq kollox, imbagħad, kellu ħeffa kbira wisq biex jaqta' u jkisser l-għadam, arah isabbatlek il-biċċa li jaqtagħlek fuq il-keffa tal-miżien u ara l-oħra, f'waqt' togħla l-fuq bl-użin b'kollox, minn għalik tak xi kwart iżjed; il-ħlieqa minn fommu ma touqosx u ara 'l kullħadd jinfexx jidħak u jagħmlu għors bih. Kull xħin jiftillu arah joħroġ minn wara l-mejda, joħroġ in-nies, ifeġġ jittawwal għat-triq u erħilu, dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu, igħajjat:

—Tari baqta! Għaddu Sinjuri!. . .—B'dan il-għajjat u ċajt, ħanutu kien ikun dejjem mimli sa mit-tbexbix. L-iktar in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu l-għajjat u l-bejgħ ma jaqta' xejn. Jien, bħall-kotra, l-għajta tiegħu laqtitni u bla ma ridt, minflok għand Masu donnu r-rieqed, għaddejt għand dan l-ieħor kollu fuq tiegħu.

—Ara s-Sinjur tagħna!. . . għajjat tal-laħam kif lemaħni wieqaf quddiem il-bieb bħal ħusbien qiegħed naħsibha nidħolx billi ġewwa rajt ħafna rassa ta' nies; għax tgħid din l-għajta tiegħu aktar laqtitni u minn barra t-trieq, tennejtlu:

"Ratal tari għall-qali."

"Aħfruli sinjuri . . . dan iż-żagħżugħ imgħaġġel, irid jilħaq l-iskola," tenna l-bejjiegħ waqt li minn taħt il-mejda newwel nofs koxxa tħammar tħammar. Minnha qata' r-ratal għalija u f'inqas milli trodd salib, qartasha, wiżinha, u għaddihieli minn fuq irjus in-nies; ħallastu u tlaqt 'il barra. Bilġri wasalt id-dar, jien waħdi ridt niftaħ il-karta biex nurihom il-ġmiel ta' biċċa laħam li kont xtrajt.

—"Uff . . . din x'riħa hi?! . . ." qabżu jgħajtu kelma waħda ommi w oħti. Jien ma ridtx nemmen imnifsejja. Biex aktar taqgħadli jiżnuh mingħajr il-karti w isibu nofs kwart nieqes. Ommi malajr kemmxet xofftejha u qaltli:

"Żgur minn għand dak kollu daħk! dak għajjat biss għandu." Oħti ma baqgħetx lura, qalet tagħha wkoll. U jien biex naqta' fil-qasir ħaffift ħriġt 'il barra biex nilħaq l-iskola fil-ħin.

Ma titwemminx. Jumejn wara reġgħu bagħtuni nixtri biċċa laħam għall-brodu. Ommi w oħti wissewni biex ma narġax immur nixtri minn għand dak kollu għajjat u fakkruni fid-daħka li kien daħak bija. Ma titwemminx. Wasalt qrib ħanutu, nisma' l-miżien u l-użin iħabbat, dak l-għajjat tiegħu: "Tari, kemm hu tari! Araw hawn! Pih!!..." narġa' ntenni għat-tielet darba "ma titwemminx," tħajjart, waqaft biswitu, ħarist; tal-laħam lemaħni u b'kemm garġi kellu beda jgħajjat: "Ara s-Sinjur tagħna; għaddi, għaddi ... hawn hu"! U jien bla ma ridt u bla ma naf kif, dħalt u xtrajt. Din id-darba ma kienx irejjaħ u bil-karta kien jiżen mad-deheb, iżda kien imgħaddam iżżejjed.

—Kemm hu mgħaddam?! Mhux żgur mhux minn għand dak li jgħajjat!... qaluli tad-dar. Jien ma weġibt xejn u tlaqt 'il barra ntalla' u nniżżel fuq is-saħħa li għandu l-għajjat fil-bejgħ!

ROB. MIFSUD BONNICI.

# Lill-għażżien.

Int, ja għażżien, dejjem fit-triq tiġġerra,
ma tagħmel xejn, u kif tilmaħ ħabib,
arak tithejja biex minn fommok tferra'
kliem l-iżjed għasli sabiex ħajr iġġib:

U ma tistmellx li tkun milqugħ bil-herra
minn min jaf x'int u ma jridekx fil-qrib:
Kun af li s-sabar jista' wkoll jitherra:
u jiġi żmien li ħniena mkien ma ssib.

Għax iebes ċħadt ix-xogħol li kisbulek:
ieħor fejn ma tinkeddx għidt li tixtieq,
U sbaqtu wkoll għad illi sabuhulek!

Mill-għażż li għandek fuqek qatt ma tfiq.
Nafu li ħabba ma tiswiex ta' tulek,
u ma ħaqqekx ħlief min jagħtik bis-sieq!

27. 12. 38. E. SERRACINO-INGLOTT

# TALLAB

*Liż-żagħżugħ poeta, N. Biancardi.*

Dalam għal kollox,
U ħemda waqgħet
Ma' kullimkien;
Kullħadd inġabar
Lejn daru kmieni,
Mirżuħ, ħosbien.

Ir-riħ qed jonfoħ,
Idur bla sabar,
Jobrom mitluf:
Fis-siġar tagħna
Iwaqqa' minnhom
Weraq bl-eluf.

Kullħadd q'ed ġewwa
Għall-kenn, f'xi għorfa,
Il-bogħod mill-bard;
Il-għani mxaħxaħ
Ħdejn nar qrib mejda
Imżejna b'ward.

Imma jaħasra,
Għax m'għadx fadallu
Niesu jew ħbieb,
Hemm barra, xwejjaħ,
Jittallab ħniena
Minn bieb għal bieb!

Villa Lija.

Marju Agius

# L-URIEŻAQ

Sebaħ il-Ħadd fix-xahar ta' Lulju. Mill-ħamsa ta' fil-għodu l-qanpiena ċ-ċkejkna tal-knisja l-qadima ta' San Ġorġ ta' Birżebbuġa bdiet iddoqq l-ewwel tokki biex tgħarraf lin-nies ta' dawk l-inħawi li kien fadal nofs siegħa għall-ewwel quddiesa.

Ix-xemx sajfija kienet ġa feġġet minn wara l-kastell ta' San Luċjan u xi rġiel li jħobbu s-sajd kienu qegħdin iħollu l-frejgatini tagħhom minn max-xtut u jgħabbu ġwielaq u nases tal-ħut biex joħorġu sal-bagi li hemm f'nofs il-port u hemm joqogħdu jistadu sa kemm is-sħana tax-xemx tkun tinħass sewwa. Il-baħar kien qisu żġieġ għax l-ebda żiffa ma kienet tinħass kif xehdet il-werrejja tar-riħ minn fuq il-kastell, u l-arja bnina tas-sebħ imħallta mar-riħa tal-baħar kienet tagħtik saħħtek.

Xi nisa u rġiel kienu ġa telgħin l-għaqba tal-knisja u jien kont magħhom. Dħalt mill-bieb tal-ġnien u bħal drabi oħra ntfajt bil-qiegħda fuq siġġu taħt is-siġra taż-żebbuġ li hemm f'nofs il-ġnien, nistenna li jsir il-ħin għall-quddiesa. Kif kont qiegħed hemm fis-skiet naqra l-kitba dgħajfa li hemm imnaqqxa fuq il-bieb ewlieni tal-knisja, bdejt nisma' ż-żarżira ta' xi wrieżaq minn fuq is-siġar li hemm madwar il-għar tal-Madonna ta' Lourdes, f'ras il-wied ta' Għar Dalam u f'daqqa waħda minn rasi beda ħiereġ iż-żarżir irqiq ta' wieħed li kien qiegħed fuq iż-żebbuġa, li bħall-ħlejjaq kollha ried biż-żarżira tiegħu jiżżi ħajr lill-Ħallieq talli qiegħed jagħtih l-għixien.

" Werżieq ma' ġenb knisja ! Din mhix ħaġa ġdida," għidt bejni u bejn ruħi u f'leħħa ta' berqa l-ħsieb tiegħi ttajjar lejn Assisi, il-belt imqaddsa tal-kbir qaddis San Franġisk, fejn l-iwrieżaq moħbija qalb il-weraq dejjem aħdar taż-żebbuġ iżarżru minn xħin titla' x-xemx sa ma tgħib.

Sitt isjuf sewwa għaddew minn dak in-nhar li għamilt żjara lill-belt ta' Assisi. Kien ukoll ix-xahar ta' Lulju, sewwa sew bħal dil-ħabta. Qisu l-bieraħ. Tant ħabbejt lil din il-belt illi ma tistax tmur minn quddiem għajnejja. Assisi mhix ħaġa oħra ħlief belt mimlija tifkiriet ta' San Franġisk u ta' sħabu ; tinsab fl-Umbrija, fl-Italja fuq ix-xaqliba ta' nofs-in-nhar tal-muntanja Salusjo. Hija belt qadima ħafna kif tixhed il-kitba mnaqqxa fuq il-ħaġar li hemm fi knejjes u f'postijiet oħra. Illum Assisi mhix imsemmija għal ġrajjietha fil-qedem bħal ma huma ħafna mill-ibliet ta' madwarha, daqs kemm hi għat-tifkiriet tas-Serafiku.

Din il-belt għadha sa llum imħaddna b'ħitan ta' ġebel kbir, b'bibien sbieħ taż-żmien tan-nofs u min jidħol il-ġewwa

minnhom iħossu maqtugħ mill-frugħat ta' did-dinja u daħal f'oħra kollha ħemda, qdusija, hena u paċi.

Kif tidħol mill-bieb imsemmi għall-qaddis tal-belt, it-trieq tax-xellug tieħdok għall-Basilka ta' San Franġisk — kunvent tal-għaġeb għall-kobor, għall-arkitettura gotika u għall-ġmiel tiegħu. Din il-basilka hija mqassma f'żewġ knejjes, il-knisja t'isfel u l-knisja ta' fuq. Fil-knisja t'isfel, li hi daqsxejn mudlama hemm artal imqiegħed fuq il-qabar ta' San Frangisk imdawwar b'lampieri ta' kull daqs u għamla (il-għadam tal-qaddis kien misjub wara ħafna tfittxija f'Jannar ta' l-1818). Mal-ħitan tagħha hemm affreski qodma ħafna, fosthom "Il-Madonna bil-Bambin f'idha mdawra bl-anġli u fuq ix-xellug hemm San Franġisk" ta' l-imsemmi Ċimabue; "Kristu fi ħdan ommu wara li ġie mniżżel minn fuq is-salib", u San Franġisk jieħu l-Istimmata mqaddsa" tal-Pittur Lorenzetti. Fis-saqaf hemm affreski ta' Gjotto, l-isbaħ fosthom "Iż-żwieġ ta' San Frangisk mal-Faqar".

Il-knisja ta' fuq għandha għamla ta' Salib latin; il-ħitan tagħha huma miksija bi tmienja u għoxrin affresk ta' Gjotto li jsawru l-ħajja tal-kbir qaddis, fosthom "San Frangisk jagħti ħwejġu lil wieħed fqajjar'', "San Frangisk imur quddiem is-sultan biex jikkonvertih", "San Frangisk jitkellem mal-ħamiem" u oħrajn.

Knisja oħra tal-għaġeb li tinsab f'din il-belt hija "Santa Marija ta' l-Anġli", li qiegħda fejn l-istazzion tal-Ferrovja. F'nofs dil-knisja hemm dik li jgħidulha "Porzjunkla"; din mhix ħaġa oħra ħlief knisja ċkejkna ħafna qisha girbeġ, għandha minn żmien San Frangisk. Aħna llum il-ġurnata għandna l-knisja ta' Pinu li tinsab fil-gżira oħtna, Għawdex, li tixbahha. Fuq dil-kappella hemm il-koppla tal-Vignola msemmija minn poeti kbar. Mis-Sagristija wieħed jista' jidħol ġo ġnien imsemmi "Il-Ġnien tal-Ward"; fih San Frangisk inxteħet għar-wien fuq ix-xewk biex igħakkes lil ġismu. Illum flok xewk jikber ward il-ġmiel tiegħu u f'nofsu hemm statwa tal-qaddis mal-lupu. F'din il-knisja hemm ukoll kappella li flokha kien hemm iċ-ċella fejn miet dan il-qaddis għall-qiegħa ta' l-art imdawwar minn sħabu kollha mbikkija, kif tixhed il-pittura li hemm fuq wieħed mill-ħitan ta' barra tal-Porzunkla.

Barra minn dawn il-knejjes li semmejt hemm oħrajn ta' kull daqs, żmien u ġmiel, imma l-iktar waħda li ġibditni u li fiha l-iktar li ħassejtni qrib lejn Alla hija l-knisja ċ-ċkejkna u qadima ta' San Damjan. Din tinsab sewwa sew xi kwarta mixi il-barra mill-belt, ġo wied mimli siġar taż-żebbuġ, u dak in-nhar taż-żjara tiegħi dawn is-siġar kienu kollha ħajja għax eluf ta' wrieżaq kienu qegħdin isemmgħu leħenhom b'żar-

żira l-iktar irqiqa, li wieħed kellu jgħolli leħnu biex isemma' kliemu lil ħadd ieħor. Kienu t-tlieta ta' wara nofs-in-nhar, Lulju, xemx tisreġ, sħana, trab kemm trid. Hekk kif dħalt ġol-knisja sibt ruħi xorta oħra; .żiffa friska kienet tinħass ġejja minn twejqa; mill-kor fqajjar u mdallam kien ħiereġ il-leħen ħelu ta' dawk l-irħieb twajbin li kienu qegħdin jagħmlu l-għasar. Irsaqt iktar il-ġewwa u mal-lemin rajt "it-tieqa tal-flus" fejn San Frangisk kien ħeba l-flus li kien daħħal mill-bejgħ tad-drapp li kien missu minn għand missieru, biex isewwi din il-knisja. Iktar il-ġewwa hemm "il-kappella tal-Kruċifiss" li fiha hemm Kruċifiss magħmul mir-raħeb Fran-ġiskan Innoċenż minn Palermu (Sek XVI). Dan għandu tliet dehriet, mix-xellug jidher mod, mill-lemin ieħor u minn quddiem xorta oħra. L-artal ewlieni imfassal fuq dak li kien hemm fi żmien San Franġisk u fuqu hemm Kruċifiss magħ-mul fuq dak li kien kellem lill-qaddis u li llum jinsab fil-knisja ta' Santa Kjara f'din il-belt.

Din il-knisja għadha tinsab kif kienet fil-qedem. Fiha s-Serafiku kien isib il-paċi, il-mistrieħ u fiha niseġ l-imsemmija għanja "L-għanja lix-xemx".

Meta Santa Kjara waqqfet l-għaqda tagħha fuq dik ta' San Frangisk, dan il-qaddis taha dil-knisja fl-1212 li wisq għoż-żiet u li minnha ma riedet toħroġ qatt; meta s-Seraċini daħlu Assisi biex jisirqu u jħarbtu kollox, il-qaddisa kienet mitluba biex tħalli l-kunvent, iżda hija ħarġet fuq l-għatba tal-knisja bis-Sagrament f'idejha u hekk kif dawn rawh baxxew rashom u ħarbu. Fl-1253 is-sorijiet ħallew dal-kunvent għax kien sar żgħir għalihom u rħieb ta' l-istess ordni bdew igħammru fih.

Wara li dort il-knisja, dħalt fil-kunvent, rajt il-kor qadim u l-kamra ta' l-ikel ta' żmien Santa Kjara, u ħriġt fuq il-bejt li fuqu l-qaddisa marida kienet toħroġ għall-arja. Mal-ħitan ta' dal-bejt rajt għadd kbir ta' bejtiet tal-ħuttaf fil-baxx. Min-nhom irjus żgħar kienu jittawlu u jpespsu, jistennew 'l om-mhom ġejja bid-dudu f'ħalqha biex tagħtihom l-għixien. Dawk l-agħsafar li s-Serafiku wisq ħabb u magħhom tkellem għad-hom sa llum jinħabbu ma' l-irħieb; hemm għadhom jgħixu għas-skiet imwennsa mill-kelma tas-Sid.

Urieżaq, agħsafar u bnedmin ilkoll bi ħsieb wieħed b'leħen wieħed jiżżu ħajr lil Sidhom. Xi jrid iżied il-bniedem biex jifhem il-kobor tal-Ħallieq, mexxej tal-ħolqien kollu!

Il-werżieq ta' fuq rasi waqaf miż-żarżira maċ-ċenpila tal-qanqiena, il-quddiesa bdiet u l-belt ta' Assisi marret minn quddiem għajnejja.

B'Kara ANT. VALLETTA.

# JEKK!

*(maqlub mill-Ingliż ta' Rudyard Kipling)*

Jekk tagħraf tħares rasek x'ħin madwarek
    l-oħrajn tilfuha u qed iwaħħlu fik;
Jekk torbot fuqek x'ħin in-nies għal kliemek
    ma joqogħdux, u ma tiħux għalik;
Jekk taf tistenna bla ma titlef sabrek,
    u jekk iħarrfu fuqek ma tħarrifx;
Jekk ma jaħmlukx u xorta tibqa' taħmel,
    u fit-tjubija u l-għerf ma tintilifx:

Jekk tedha b'ħolma—bla ma l-ħolma tirkbek;
    u jekk taf taħseb—bla ma l-ħsieb jagħmik;
Jekk inti tilqa' ruħek bla ma tbejjen
    bejn Rebħa u Telfa—żewġ li jqarraq bik;
Jekk bla titniffes tisma' l-kliem ta' fommok
    fil-għelt tal-ħżiena biex inassbu l-ħmir;
Jew dak li tajtu ħajtek tara mfarrak,
    u b'għodda qodma tinżel tibni l-ġbir:

Jekk għandek ħila tgħaqqad kulma tirbaħ,
    u tissugrah fuq logħba żewġ u fard,
titlef, u terġa' tibda minn qaddisek,
    u ma tgħid xejn lil ħadd li xejn ma ġbart;
Jekk taf lil qalbek u lil ħiltek twassal
    sabiex jibqgħu jaqduk għad li spiċċaw,
u tibqa' ġġaħġaħ x'ħin ma jkunx baqagħlek
    ħlief Rieda li tgħidilhom: "Żommu hawn!";

Jekk int tindehes mal-ġemgħa u tibqa' b'għaqlek,
    jew tħuf mas-slaten bla ma togħla qatt;
Jekk la ħabib u l-anqas għadu jkiddek,
    u tgħodd lil kulħadd xorta u wisq lil ħadd;
Jekk għandek ħila timla milja siegħa,
    li ma taħfirx, b'kemm tiflaħ siegħa ħdim;
Tiegħek id-dinja, tiegħek b'kulma fiha,
    u, l-aqwa taf x'inhu, tkun Raġel, xbin!

19 - 1 - 39. E. SERRACINO-INGLOTT.

# Nisel il-kliem

## BTIR

Caruana jfisser dil-kelma: essenza. Dessoulavy iġebbed nisilha minn batl, li, fil-Għarbi, tfisser "singulare i.e. *aut cui simile non est* (Freytag), u l-Professur Saydon,* b'xebh is-sewwa ikbar, għall-inqas għal dik li hi sura w tifsira, jorbotha mal-Lhudi "beter" li taħbat fl-aħħar vers ta' Kant 11. *għal harê bater* imfissra minn Teodozju bħala l-plural ta' *thumiama* inċens. Il-fehma tiegħi ma taqbelx ma' dik ta' dawn iż-żewġ studjużi. Nisel dil-kelma nfittxu fil-Għarbi li, sakemm jista' jaqdina, jirbaħ għalina lil ilsna qrabatu. "Btir" bħal "biswit" (Ara 'Leħen il-Malti' ta' Diċembru 1938) hi mibnija mill-preposizzjoni *bi* (with) u *tir* li mhix ħlief taħsira tal-Għarbi ghitr (*t* qawwija) u tfisser "sweet smelling, aromatic. Essence. (Hava). "Gh" fil-Malti ma tinstemax u hekk għandna "itir" jew "atir" li, mwaħħla mal-preposizzjoni "bi", bl-ewwel vokali mwaqqa', tagħti btir. Mela "btir" tfisser "bl-essenza". Meta l-preposizzjoni saret biċċa waħda mill-kelma, tilfet is-sens grammatikali tagħha u hekk "btir" ħadet it-tifsira biss ta' essenza. Fejn aħna ngħidu btir il-ward, essenza di rose (Caruana) fil-Għarbi ngħidu ghitr al-ward = essence of rose (Hava).

## BEGĦREN

Naħseb li xebh dil-kelma mal-Lhudi-Feniċju *bagħar*, to burn, mhux xhieda biżżejjed ta' nisel il-kelma Maltija. Imma d-dizzjunarji Għarbin ma jgħinuniex. Biss f'Eddallil ou Guide de l'Arabisant qui étude les dialectes parlés en Algérie et en Tunisie (1908-Alger) ġabra ta' testi maħruġa taħt id-direzzjoni ta' L. Machuel, insibu l-verb "baghrar" mfisser, *crier*, għajjat. Xejħ Eġizzjan għarrafni li fl-Eġittu l-fawqani (upper Egypt) jingħad ukoll il-verb "baghrar" u jfisser "berraq għajnejh bil-għadab". Għarbi Iraki qalli li fl-Irak dal-verb ifisser: to talk nonsense. Kif qegħdin naraw, "baghrar" fil-Għarbi minn djalett għal ieħor, ibiddel kemm xejn it-tifsira; imma f'das-sens jintrabat dejjem ma' tqanqil ir-ruħ, sew meta jfisser "għajjat" sew meta jfisser "berraq għajnejh bil-għadab" u, sew, b'xi mod, meta jfisser "to talk nonsense". Jien naħseb li l-verb Malti "begħren", jista' jkun li hu, b'tibdila oħra fissens, il-verb għarbi baghrar, bl-aħħar radikali *r* mibdula f'*n*. L-ittri likwidi ħafna drabi jinbidlu f'xulxin.

---

* Ara: The Development of Maltese as a written Language and its affinities with other Semitic Tongues—Tieni Taqsima.

## BERA

Il-verb *bera* fi kliem Caruana, ifisser *luccicare, brillare, gli occhi, le stelle.* Dessoulavy jaħseb li hu taħsira tal-verb *berraq* (flashed) "perhaps influenced by abra". Tifsira mġebbda għal darba. Fl-ilsna semitki wid-djaletti Għarbin tal-qrib ma nsibu xejn ma' xhiex nistgħu nxebbhu dil-kelma ħlief fl-Assirju *bararu*, to shine. Imma ma' l-Assirju ma għandniex x'naqsmu. Niftakru li fil-Malti mitkellem b'dan il-verb ninqdew biss fl-imperfett, jiġifieri ngħidu (għajnejn) jibbru imma qatt ma ngħidu *bera* (perfect tense), sura mibnija mid-dizzjunarji biex magħha jintrabat l-imperfett. "Biri" u "mibri" maħluqin minn żnied Caruana. Kollox ma' kollox, nistgħu ngħidu li bera mhux verb Malti safi u jekk infittxuh barra mill-għalqa ta' l-ilsna semitki, insibu li "jibbri" mhix ħlief l-ewwel biċċa tal-verb Taljan *jibbrilla* (brillare). Ġara li dal-verb daħal fil-Malti min jaf kemm snin ilu, meta l-widna Maltija, għax kienet inqas imħarrġa fl-ilħna tat-Taljan, mill-verb "jibbrilla" qabdet biss "jibri". Hekk, mingħajr ma nintebħu li qegħdin inħaddmu l-istess verb, ngħidu wkoll "jibbrilla", sura li daħlet żmien wara ma' l-element barrani meta l-widna Maltija bdiet toqgħod iżjed għall-ilħna ta' l-ilsna romanzi.

## DUDU

Niġu li ninqdew b'dil-kelma biex nuru għożża u aktarx ngħiduha liċ-ċkejknin meta nkellmuhom bil-ħlewwa jew nifirħu bihom. Hekk ngħidu "dudu tiegħi" fis-sens" ta' "my ilttle darling" jew "my little kid". Ix-xebh ta' dil-kelma mal-Lhudi dôd (dear, beloved) u ma' l-Assirju wis-Sirjak mhux biżżejjed bħala xhieda tan-nisel la darba dan nistgħu nsibuh wisq eqreb lejna. Xejħ qalli li fl-Eġittu meta jkunu l-ħbieb jitħaddtu bejniethom ta' ġewwa, isejħu *dudu* lil xulxin li ħafna jleħħnu wkoll *du' du'*, jiġifieri b'ħamża f'kull tarf iż-żewġ sillabi, biex ifissru, sew sew dak li nfissru aħna, *my dear.*

## QARWAS

Dessoulavy inissel dal-verb minn qarwat (l-aħħar radikali *t* qawwija) u li Spiro Bey ifisser "to nibble", bil-Malti, qarram. Imma t-te qawwija mhux la kemm titbiddel f's. Kif nifhmu jien, eqreb lejn is-sewwa tal-fonetka, il-verb "qarwas" hu maħruġ mill-Għarbi qaras, l-aħħar radikali s qawwija li, barra li jfisser *to pinch*, bħal fi lsienna, ifisser ukoll "qatagħ" u, kif igħidilna Kazimirski "*couper, retrancher en coupant*" u "qars" *disque, rond.* Qabbel ma' din, it-tifsira li Caruana jagħtina tal-Malti: Qarważ : tagliare interamente i capelli, privare la testa dei capelli lasciandola nuda.

Bħala eżempju ta' verb kwadrilitteru maħruġ minn verb Għarbi trilitteru, biż-żjieda tar-radikali "waw", qabbel il-Malti

"ħawtel", industriarsi, ingegnarsi per guadagnare (Caruana) u l-Għarbi ħatal, l-ewwel radikali, *kha*, to deceive, to outwit (Wortabet). Fil-lista ta' Dessoulavy dal-verb Malti ma jinsabx.

## NARRA

F'Leħen il-Malti ta' Marzu 1939, għidt li dil-kelma ħarġet mill-Għarbi għara (to befall, a misfortune) u tajt dan il-proċess: li għarrak etċ.=larrak=narrak. Imma issa sibt li fil-Għarbi tal-Magħreb għandhom għajdut li jixbah lil tagħna fis-sens, u għalhekk aħjar infittxu n-nisel f'dan il-għajdut magħribi. Taħt il-verb ra'a, Beaussier jagħti dan l-għajdut: man rah=puisse-t-il être; puisse-t-on le voir. U dan l-għajdut li min jaf kemm tisimgħu fil-Malti: Man rak mughallaq, fi lsienna, min rak mgħallaq=narrak mgħallaq, jew, kif Beaussier ifisser bil-Franċiż "puisses-tu être pendu". Aħna wkoll għadna nfissru xewqa bil-pronom *mîn* wil-verb urajh fil-perfett. Hekk ngħidu "Min tah xebgħa kif kien ħaqqu!" fis-sens ta' mhux li xi ħadd lagħablu daqqtejn eċċ. Hekk, flok Narrak mgħallaq, nistgħu ngħidu b'Malti tajjeb, għalkemm inqas mexxej, Min rak mgħallaq !

L-Għarbi "man rak" b'tixbih lura (assimilazzjoni regressiva) tal-liquida *r*, jagħti fil-Malti "marrak", bl-*m* quddemija mibdula f'*n* (l-ittri likwidi ħafna drabi jinbidlu f'xulxin) tagħti Narrak eċċ.

Fil-qosor, il-proċess hu dan :

Man rak=marrak=narrak jew Min rak=Mirrak=Nirrak; wil-kelma titbiddel skond is-suffiss pronominali meħmuż.

Iżjed, jien u qed infisser dil-kelma fl-għadd tal-Leħen li semmejna, għidt li l-ilħna *l* u *r* ma jiltaqgħux flimkien bħala radikali la fil-Għarbi w l-anqas fil-Malti safi. Dan minnu, imma l-eżempju li ġibt ħażin. Il-kelma "naranġ" fil-Għarbi ma tagħtiniex il-bdil ta' *l* f'*n*, il-għaliex dil-kelma li xterdet fi-ilsna romanzi hi l-kelma Indjana (Sanskrit) "naranġi"; mnejn daħlet fil-Persjan (nâranġi) u minn hemm fil-Għarbi.

## QOĊCIED

Dil-kelma maħruġa mill-verb "kaxad" li, fil-Għarbi, ifisser: *to cut a thing with the teeth* (Hava). Fil-Għarbi tal-Magħreb, "kaxxâd tfisser "Pous qui viennent d'éclore (Beaussier). It-tifsira li jagħti Dessoulavy ma għandha x'taqsam xejn.
(*Fadal*)

Ġ. Aquilina

# L-IMHABBA

(*Mill-Ingliż ta' Jerome K. Jerome*)

M'għandniex xi ngħidu, inti ħabbejt! Jekk le, għad trid tħobb. L-imħabba hija bħall-ħożba; ilkoll irridu ngħaddu minnha; ukoll, bħall-ħożba, niħduha darba biss. M'għandux għax wieħed jibża' li jittieħed għat-tieni darba. Dak li ġa ħadha jista' jfittex l-aktar imkejjen imwiegħra u jitbellah kemm irid għax ikun dejjem ħieles. Jista' jmur jixxala f'imsaġar dellija, idur f'ġonna msaqqfa b'arkati tal-ħaxix, u jixxaħxaħ bilqegħda fuq il-ħażiż jara x-xemx nieżla. Jitbażża' minn dar fil-ħemda tar-raba' daqs kemm jibża' mill-każin fejn igħaddi ż-żmien. Jista' jissogra l-ħafna tad-dwiefer taż-żwieġ in-nifsu. Jista' jżomm ruħu biered tul id-dawran ta' Walz l-aktar ferrieħi u, wara, imur jistrieħ f'rokna mudlama bla ma jiddobba xejn li jdum fuqu aktar minn riħ. Jista' jissogra dawra għad-dawl ta' qamar fi sqaqijiet imfewħa mill-ward, jew qadfa mat-tbexbix ma' xtut kennija. Jista' jaqbeż ħitan bla ma jiġġarraf, igħaddi minn qalb siġar imħabbla bla ma jinqabad fihom, jinżel żurżiqiet jiżolqu bla ma jaqa'. Jista' jħares f'għajnejn jilmaw u ma jitgħammixx. Jista' joqgħod jisma' l-ilħna tas-sireni u jibqa' jibbordja bi tmun mhux imrieġi. Jista' jagħfas idejn bajdanin f'tiegħu, iżda, dik il-Lulu mriegħda ma taħkmux bit-tagħfis ħelu.

Le, qatt ma nħobbu darbtejn. Kupidu ma jaħlix vleġġa fuq qalb waħda għat-tieni darba. Il-qaddejja ta' l-imħabba huma ħbiebna tul ħajjitna kollha. Bwiebna huma miftuħin dejjem għall-Qima, għall-Għozza u għall-Gibda; iżda r-rgħajjes iżraq tagħhom, mistur f'ilbies irjali, iżurna darba biss u jgħib. Il-qalb tal-bniedem hija murtal illi, darba fi żmienu, itir lejn is-sema. Bħal kewkba ġerrejja, huwa jixgħel għal waqt wieħed u jdawwal bi ġmielu d-dinja ta' taħtu. Imbagħad, id-dalma tal-ħajja tagħna, ordinarja u kollha frugħa, terġa' tibilgħu; u l-qartas maħruq, imwaqqa' mill-ġdid ma' l-art, jibqa' hemm, ma jiswa għal xejn, mingħajr ma jfittxu ħadd, isir irmied u jitmermer bil-qajla l-qajla. Darba, maħlulin mill-irbit li jassarna, nagħmlu l-qalb, bħalma għamel ix-xwejjaħ Prometew, nixxabbtu ma' l-iġbla ta' l-Olimpu u naħtfu mill-mirkeb ta' Febus in-nar ta' l-allat. Hienja dawk li, għax igħaġġlu jinżlu qabel ma jintfiel-hom, jistgħu jixegħlu l-imdiebaħ fuq l-art bil-fjamma tiegħu. L-Imħabba hija dawl safi wisq biex jaqbad għal żmien twil qalb il-gassijiet jintnu li jgħajxuna; imma, qabel tifga, nistgħu ninq-dew biha biex inqabbdu n-nar kenni tal-għożża.

Fuq kollox, dan in-nar li jsaħħan aktar igħodd għall-im-kejjen ġewwiena kesħin tad-dinja tagħna, milli dak l-ispirtu

jaqbad, l-Imħabba. L-Imħabba għandha tkun in-nar vestali ta' xi tempju kbir—xi maqdes wiesa' u mdallam li l-mużka tiegħu hija d-dawrien ta' l-isferi. Il-Għożża taqbad hienja meta l-fjamma bajda ta' l-imħabba tintefa. Il-Għożża hija nar li jista' jitkebbes minn jum għall-ieħor u jikber iżjed meta jersqu s-snin xitwija. Ix-xjuħ jistgħu jitrekknu ma' ġenbu b'idejhom magħluba marbutin; it-tfal jistgħu jitfissdu quddiemu; il-ħbieb u l-ġirien huma milqugħa f'xi rokna fil-ġenb tiegħu u saħansitra l-kelb u l-qattus jistgħu jsaħħnu mneħirhom mal-gradilja.

Ingeddsu, fuq dak in-nar, il-faħam tal-ġibda, tal-ħlewwa, tal-għaxqa lejn xulxin. Itfgħu fuqu l-kliem ferrieħi tagħkom, l-għafis ħelu ta' idejkom, l-egħmejjel tagħkom maħsuba u nieqsa mir-regħba. Rewħuh biċ-ċajt, bit-tiġrib u bis-sabar. Tistgħu, imbagħad, bla ma tħabblu raskom, tħallu r-riħ ivenven u x-xita tfaqqa', għaliex il-fuklar tagħkom ikun sħun u mdawwal, u l-uċuħ ferħana ta' ma' dwaru jwarrdu dwal ix-xemx b'inkejja tas-sħab iswed ta' barra.

Nibża', għeżież Edwin u Anġolin, li intom tistennew iżżejjed mill-imħabba. Taħsbu li fiċ-ċkejkna qalbkom hemm biżżejjed biex tgħajxu għal għomorkom kollu din il-passjoni qalila u wikkiela. Ah, ħbieb żgħażagħ! Torbtux wisq fuq dik il fjamma tpetpet. Mat-tgerbib tax-xhur tibda titbaxxa u tonqos, u m'hemmx tikbis mill-ġdid. Tarawha tintefa b'sogħba u b'rabja fikom. Iż-żagħżugħ jidhirlu li t-tfajla qiegħda tibred, filwaqt li t-tfajla taħseb bil-maqlub. Edwin, mgħolli għall-mewt, jara li Anġolin m'għadhiex tiġi tiġri, kollha mbissma u mistħija biex tiltaqa' miegħu; u issa, meta jkollu s-sogħla, ma taqbadx tibki, tgħannqu u tgħidlu li ma tistâx toqgħod mingħajru. L-aktar li tista' tagħmel, ittarraflu x'għandu jieħu biex tgħaddilu, u dan, b'leħen li jagħtik x'tifhem li aktar għax qiegħda ddejjaqha t-tqaħqiħa. Iċ-ċkejkna Anġolin tħoss ruħha mnikkta wkoll għaliex Edwin m'għadux igħożż il-maktur qadim tagħha fil-but ta' ġewwa tas-sidrija.

It-tnejn jistagħġbu bil-bruda lejn xulxin, iżda, ħadd minnhom ma jara l-bidla fih in-nifsu. Kieku kien hekk, ma kenux iġarrbu daqshekk. Kienu jfittxu l-Kif u l-Għala fejn għandhom ifittxuhom — fiċ-ċokon tan-natura fqajra tal-bniedem—jagħrfu n-nuqqas ta' xulxin u jibdew, mill-ġdid, jibnu darhom fuq sisien li għandhom aktar mid-dinja u li huma isħaħ. Iżda, aħna għomja wisq għan-nuqqasijiet tagħna nfusna u noqogħdu b'seba' għajnejn fuq ta' ħaddieħor. Kullma jgħaddi minn għalina dejjem ħtija ta' xi ħadd ieħor. Li kieku Edwin ma tbiddilx u ma beridx, Anġolin kienet tibqa' tħobbu għomorha kollu; u Edwin kien jibqa' jqim lil Anġolin sad-dwiem ta' jiemu, kieku hija baqgħet li kienet meta beda jqimha l-ewwel darba.

Għalikom it-tnejn hija siegħa ta' swied-il-qalb meta l-lampa ta' l-imħabba tintefa, jekk in-nar tal-għożża jkun għadu ma ħax u tkunu għad tridu titħabtu biex tqabbduh fil-ksieħ ta' l-ewwel tbexbix tal-ħajja. J'Alla jieħu qabel jagħmel il-ħin sewwa. Ħafna jibqgħu jirżħu ma' ġenbu mitfi sa ma joqrob il-lejl.

Imma, għalfejn joqgħod wieħed ilablab? Min hu li jħoss in-nar ta' l-ewwel imħabba żagħżugħa jikbes f'demmu, u jista' jemmen li għad jitnemnimlu u jintfielu? Iż-żagħżugħ ta' għoxrin jidhirlu li ma jistâx ikun li, meta jkollu sittin, ma jħobbx b'imħabba tal-ġenn kif iħobb issa. Ma jista' jiġih f'moħħu l-ebda raġel li jaf, li hu magħmul fiż-żmien u li qiegħed juri xi għeliem ta' mħabba tal-ġenn; iżda dan ma jnaqqaslux l-emmna fih innifsu. Jekk l-imħabba ta' kullħadd tmut, tiegħu ma tmutx. Qatt ħadd ma ħabb daqs kemm iħobb hu; għalhekk, mela, it-tiġrib tad-dinja kollha ma jistax imexxih fil-kas tiegħu. Jaħasra! ta' tletin ikun ingħaqad mal-ġemgħa ta' l-imġarrba. Mhix ħtija tiegħu. Il-ġibdiet tagħna, kemm it-tajba u kemm il-ħżiena, jibirdu hekk kif jibirdu l-fqar fwawar tagħna. Meta ngħaddu t-tletin ma noboghdux, ma jisgħobbiniex, ma nifirħux u ma niġġenux bħal meta nkunu ta' għoxrin. Meta ma jirnexxilniex dak li nixtiequ, ma tiġina ebda xewqa lin-neħħu ħajjitna; u meta jirnexxilna, ma niskrux bil-ferħ. Aktar ma nikbru, aktar nieħdu kull ħaġa bil-bruda. Il-Ħżunija tonqos fil-ħażen. Il-Għieħ jieħu xeħta aktar bierda u jfittex li jdur kif jaqbel l-aktar fiċ-ċirkostanzi. U l-Imħabba—l-imħabba tmut. "Nuqqas ta' qima lejn il-ħolm taż-żgħużija" jagħqdilna għallmewt bħas-silġ fuq qalbna. Il-friegħi torja u l-ward miftuħ jinxfu u jitbielu u, minn dielja li xtaqet tifrex iż-żraġen tagħha mad-dinja kollha ma jibqax għajr zokk għeri.

Ħbiebna x-xbejbiet igħoddu dan kollu bħala ereżija. Li raġel ma jħobbx wara li jtemm żgħużitu, ma jkun qatt, qabel xagħru jibda jibjad sewwa. Hawn jibdew ma jagħtux kas tiegħu. It-tfajliet jagħmlu ħaqq mir-rġiel minn dak li jaqraw fuqhom fil-kotba miktubin minn nisa bħalhom . . . F'dawn il-kotba r-raġel li jħobb jiġi mxebbah ma' allà grieg—qatt, iżda, ma jgħidu liema; sa fejn naf jien, sata' kien Vulkan il-ħotbi, jew Janus ta' żewġ uċuh, jew ukoll, is-sakranazz Silenus tal-misterji mdallma! Fuq kollox, jagħtihom lemħa lkoll billi huwa għafrit; u jista' jkun li dan hu li jridu jfissru. M'għandux jedd jiftaħar li hu ta' qalb u ta' ħeġġa kif isawruh fil-kitba, għaliex ma huwiex għajr blejjah imtajjar u dublett fuq il-ġenb delli ta' l-erbgħin. Imma, għax tgħid! x'ġibda għandu u x'xewqa tiġih għal xi tfajla! Staħbew żgħażagħ, Romeo, Leander! Dan il-għaxqa ta' xiħ iħobb b'ħerqa tal-ġenn li taħtieġ erba' aġġettivi għal kull nom biex issawwarha kif ħaqqha.

Tajjeb għalina x-xjuħ midinba, għeżież xbejbiet, li intom tistudjaw biss fil-kotba! Kieku taqraw fil-ħajja, tintebħu li l-fwawar ta' żagħżugħ mistħi aktar jgħidu s-sewwa mill-ħafna kliem sabiħ u mżejjen tagħna. Imħabba ta' tfajjel toħroġ minn qiegħ qalbu; dik ta' raġel aktarx hija effett ta' stonku mimli.

Tassew illi l-mewġ, miexi qajl qajl, ta' raġel mhux ta' min isejjaħlu mħabba meta tqabblu mal-għajn ta' żagħżugħ li ttajjar l-ilma b'saħħa kif qalbu timtess bil-qasba tas-smewwiet. Jekk tixtieq idduq l-imħabba, ixrob minn-nixxiegħa safja li ż-żgħużija tferragħlek f'riġlejk. Tistenniħiex issir xmara bit-tajn biex titbaxxa u tmiss mewġietha.

Ma nagħmlux, jewwilla, li intom aktar tħobbu t-togħma l-morra; li, għalikom, l-ilma nadif u safi huwa bla togħma u li, wara li jiddardar, ittegħmuh tajjeb? Għandna, jewwilla, nemmnu lil dawk li jgħidulna li tfajla aktar titgħaxxaq biż-żegħil ta' id mgħarra fit-tajn tal-frugħa tal-ħajja?

Dan hu t-tagħlim li jixtered kulljum fil-kotba ħżiena. Qatt, tgħid, ma jidħlu daħla fihom infushom dawk il-friegħen u jaħsbu ftit xi ħsara qed jagħmlu, jitlajjaw fil-ġnien t'Alla, isefsfu f'widnejn il-boloh Adam u Eva, kemm hu ħelu d-dnub u kemm hija taċ-ċajt ix-xerqa? Kemm tfajliet iħassru u jkabbruhom f'nisa tad-dnub? Kemm iqarrqu b'żgħażagħ billi juruhom li l-iqsar triq biex tirbaħ qalb ta' xbejba hija l-mogħdija l-maħmuġa? Mhux għax wieħed m'għandux jikteb fuq il-ħajja kif inhu minnu; għid is-sewwa u t-tajjeb jieħu ħsieb tiegħu n-nifsu. Imma l-kwadri tagħhom m'humiex għajr tpinġija maħmuġa ta' thewdinhom u ta' ħsebijiethom morda bil-frugħa.

Irridu naħsbu fuq in-nisa mhux kif il-ġibda tas-sess tagħhom turihom—bħala Lore Leis li tiġbidna għat-tiġrif—iżda bħal anġli li jgħolluna 'l fuq. Huma għandhom setgħa aktar milli jaħsbu għall-ġid u d-deni. Ir-raġel jibda jħobb meta l-karattru tiegħu jibda jssawwar; u hawn, ix-xebba li jħobb tista' ttejbu jew tħassru. Mingħajr ma jintebaħ, jibda jsir kif tridu hi, tajjeb jew ħażin. Naħseb—jisgħobbija li b'hekk nonqoshom mill-ġieħ—li huma mhux dejjem jinqdew bis-setgħa tagħhom għall-aħjar. Ħafna drabi, n-nisa jkunu marbutin wisq mal-frugħa tad-dinja. L-eroj idëali tagħhom huwa l-prinċep tan-nuqqas; u, biex jilħqu dan, ħafna mħuħ, kbar, imsaħħrin mill-imħabba, "ma jibqgħux ta' siwi, jitilfu l-ħajja, l-isem u l-ġieħ."

U, b'dan kollu, ja nisa, tistgħu, kieku tridu, tagħmluna bil-wisq itjeb. Aktar tistgħu tressqu d-dinja qrib is-Sema intom mill-predikaturi kollha f'daqqa. L-Imġieba Rħiba m'hijiex mejta: biss, rieqda għax m'għandhiex x'tagħmel. Qisu li tqajmuha intom għal egħmejjel għolja. Qisu li tkunu tistħoqqu l-qima rħiba. Żommu dejjem ruħkom ogħla minna r-rġiel. Kien

imħabba Una li r-Raħeb tas-Salib Aħmar mar jissara. Id-dragun ma ġie maqtul għall-ebda dama ta' xi dejr. Ja Xbejbiet, kunu sbieħ ukoll f'moħħkom u f'ruħkom, mhux fid-dehra biss, ħalli r-rħieb jirbħu l-ġieħ biex jaqdu lilkom! Ja Mara, biddel is-satra tar-regħba, tal-wiċċ sfiq u tal-qerq. Uri ruħek, darba oħra, sultana f'satra rjali safja. Elf xabla li, bħal issa, jinsabu msadda fil-għażż ġiefi, jinstiltu mill-għant tagħhom biex jiġġieldu f'ġieħek ma' kull ħażen. Elf Sir Roland jaħfnu f'idhom il-lanez; u l-Biżgħa, ix-Xeħħa, il-Gost u l-Ħżunija jaqgħu ma' l-art qalb it-trab quddiem il-lwien tagħkom.

Liema egħmejjel għolja ma konniex sejrin nagħmlu meta konna nħobbu? Liema xorta ta' ħajja xierqa ma konniex sejrin ngħixu mħabba fiha? Imħabbitna kienet emmna li konna mmutu għaliha. Dik li konna nħobbu ma konniex inqisuha ħliqa bħalna. Konna naqduha bħala sultana u nqimuha bħala alla-mara.

U, b'liema ġenn konna nqimu! Kemm kien ħelu tqim! Ja tfajjel, għożżha l-ħolma ta' l-imħabba żagħżugħa dment li tista'. Ma ddumx ma tintebaħ kemm kien minnu dak li għanna Tom Moore meta qal li fil-ħajja m'hemm xejn li hu ħelu n-nofs tagħha. Saħansitra meta ġġib l-imrar, huwa mrar qawwi u romantiku, li xejn ma hu bħal l-imrar li tagħti d-dinja bl-hemm tagħha. Meta titlifha – meta minn ħajtek jgħib kull dawl u d-dinja tifrex quddiemek biża' iswed u ta' tul ta' żmien—malqtigħ il-qalb, saħansitra, jitħallatlek ferħ ieħor.

U min ma jissograx iġarrab il-biża' tagħha biex jikseb il-ferħ tagħha? Ah, x'gost kien dak! Il-fakra tiegħu thennik. Xi ħlewwa meta tgħidilha li tħobbha, li tgħix għaliha, li tmut għaliha! Kemm treddnilha biex iġġiegħlha temmen! X'ruxxmata kliem fieragħ tgħidilha; u hi, jaħasra, inkejjuża li hi, tagħmel ta' bir-ruħha ma temmnekx! Kemm jisgħobbik meta tweġġgħalha qalbha! U b'dan kollu, x'hena meta tippikak, jew meta titlobha taħfirlek mingħajr biss ma taf xi tkun għamiltilha! Kemm tidher mudlama d-dinja meta tiksrek, kif sikwit tagħmel ja ħiżejnuna, biex tieħu gost tarak issewwed qalbek! u kemm tidher imdawla meta titbissimlek! X'għira tiġik għal kull min ikun magħha! X'mibegħda tidħol f'qalbek għal kull raġel li teħodlu b'idu, għal kull mara li tbus, għall-qaddejja li tħallsilha xagħarha, għat-tifel li jnaddfilha ż-żarbun, għall-kelb li hija tfissed—fil-waqt li jkollok iġġib, saħansitra, 'l-aħħar wieħed! Kif tara x'tagħmel biex taraha, u kemm tinstamat meta taraha, tħares lejha bla ma tgħid kelma waħda! Kemm hija ħaġa li ma tistax tkun li toħroġ, kemm bil-lejl u kemm bi nhar, bla ma, fl-aħħar, issib ruħek quddiem it-twieqi tagħha! Ma tagħmilx il-qalb tidħol; toqgħod titlajja wara l-kantuniera tħares lejn id-dar minn barra. Ah, li kieku xi darba, d-dar tieħu n-nar—ma jiġri

xejn għax żgurata—u tidħol tiġri u teħlisha b'sogru ta' ħajtek, u twaġġa' u tinħaraq! Xi ħaġa, tkun li tkun, biex taqdiha. Saħansitra bl-iċken ħwejjeġ tithenna. Kif tkun dejjem ħsiebek fiha u dejjem tara li taqtgħalha sa l-anqas xewqa tagħha! Kemm tħossok kburi meta taqdiha! X'ferħ meta tqabbdek tagħmel xi ħaġa! Li tagħti ħajtek għaliha u ma taħseb qatt fik in-nifsek tidher għalik l-aktar ħaġa ħafifa. Tgħaddi bla xalata biex tmur daqsxejn magħha. U kemm tixtieq u tgħożżhom il-ħwejjeġ li tmiss hija—l-ingwanti żgħar tagħha, iċ-ċfuf li tilbes, il-ward li bih tiżżejjen!... Aħ, kemm hija sabiħa! X'għaġeb ta' sbuħija! Tidħol hija, qisu daħal anġlu u kollox dwarha jisfa xejn. Bil kemm itik li tmissha għax qisha qaddisa.... Bir-rogħda biex tinżel għarrkubbtejk u, bil-ħlewwa kollha, ittalla' dik l-id żgħira tagħha lejn xuftejk.

Xi żmien ta' bluha kien dak meta ma konniex rgħiba, meta konna safja fi ħsebijietna; dak iż-żmien ta' bluha meta qlubna kienu mimlija bis-sewwa, bl-emmna u bil-qima! Aħ, dak iż-żmien iblah ta' xewqat u ta' taħbit għoli! U xi żmien ta' għerf hu dan meta nafu li l-flus huma l-akbar premju għal xhiex wieħed għandu jitħabat; meta ma nemmnux għajr fi ħwejjeġ baxxi u f'gideb; meta ma nħabblu rasna għal ħadd ħlief għalina nfusna.

25. 3. 38. ĠUŻI MALLIA.

## *BNIEDEM WIEĦED*

Ħsiebu bla rażan, qalbu ma tafx ħniena,
Tafa' 'l Ewropa f'ibħra kbar ta' dmija,
U, bħal Neruni, fuq it-tron tal-Ħjiena,
Qed jifraħ, bniedem ibleh! b'dil-ħruxija.

U dawk li ssieltu ġon-nirien, qalbiena,
U dawk li tqabdu w mietu mingħajr ħtija,
U dawk li sejra għall-mewt, b'qalbhom sogħbiena,
Kollha seħtuh w għajruh: Bhima waħxija!

Infetħu öqbra! Ħallu d-demm li xtered
Ta' ommijiet u tfal jitlob mibegħda,
—Id-demm ta' dawk l-eluf li s'issa qered.

'Ma le, Mulej: dawwal għajnejn dal-bniedem;
It-triq tas-sliem u l-ħaqq ma jafx fejn qiegħda:
Tal-ħerba u l-hemm li ġieb.... għad jibki niedem.

28 - IX - 39 C.

# Lill-Għanja Maltija

Meta nħoss f'ruħi l-weġgħa ta' l-imħabba,
eħrex mis-swat li jinżel mingħajr ħniena
fuq dahar ta' gilpa mgħaddba; meta l-għira,
fi ġlieda bla mistrieħ, turini snienha;
meta jiswied is-sħab fis-sema dieħi
tal-ħajja tiegħi, ħsiebi jtir għalik,
Għanja sabiħa, li, fil-waħx u l-biża',
tħaddan 'il qalbi biex nitgħaxxaq bik.

Għax int fi lsienek trodd il-kelma ħelwa
li ttuq u taħji. Int il-faraġ tiegħi.
Mhux ġmielek li jnessini f'għana msaħħar
li tal-mibegħda r-riħ qiegħed iniegħi?
Ġo din id-dinja kull min jarfa' rasu
u jgħolli l-ħsieb 'il fuq minn ta' l-oħrajn,
għalxejn jaħdem bil-qalb, kollu sħiq fl-ilma,
għax titfgħu l-kotra mċewlaħ mas-saqajn.

Din hija l-ħajja, w dan il-wirt li tagħti
lil min jaf iħobb sħiħ: uġigħ u saħta.
Għalhekk, għajjien, nixtieq il-bewsa tiegħek
xħin l-Id tal-Hemm taħfinni b'qawwa taħtha;
Għax, meta mxabba' mit-taqdir u l-għadwa
tal-ġliba tal-bnedmin, x'jifdal ġo fija,
Għanja sabiħa, ħlief il-hena tiegħek,
u r-ruħ li tajtni, ir-ruħ tal-poeżija?

16/VII/39.

ĠUŻÈ CHETCUTI

# KOTBA ĠODDA

P. P. SAYDON, *Il-Kotba Mqaddsa maqlubin mil-Lhudi—Ktieb il-Paralipomni*, faċċ. 101, The Empire Press, 1939.

Dan hu l-għaxar wieħed mill-Kotba Mqaddsa maqlubin mil-lhudi u mfissrin bil-Malti mill-Prof. Dun P. P. Saydon. Kollu żejjed li ntennu t-tifħir li kittieba oħra għamlu f'din ir-rivista u f'rivisti oħra lil din it-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa. Biss ingħidu li min irid ikollu stîl qawwi u safi ta' kitba Maltija, jagħmel sewwa jitħarreġ fil-qari ta' dawn il-kotba li jgħaqqdu fihom il-qawwa tal-istil Lhudi mas-safa tal-lsien Malti.

Fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 1936, faċċ. 20-21, il-Prof. Dun P. P. Saydon wera l-għafsa ta' qalbu minħabba l-bruda li biha huma milqugħin dawn il-kotba. Għajb! U milli jidher din il-bruda ma naqsetx. Għajb akbar! Imma jekk il-bruda tal-qarrejja hi kbira, il-ħeġġa tal-Prof. Saydon hi akbar, u nittamaw li wara dan il-ktieb jibqgħu joħorġu wieħed wara l-ieħor l-oħrajn kollha, sa kemm Malta u l-Maltin insara jistgħu jiftaħru li għandhom l-Iskrittura kollha bi lsienhom.

* * *

S. MIFSUD, *Dun Mikiel Xerri*, dramm storiku b'ħames atti; faċċ. 63, Malta, 1939.

Minn kitba drammatika neqsin ħafna, u għalhekk ta' min ifaħħru l-ħsieb ta' S. Mifsud li jidħol f'għalqa għadha mhix maħduma. Is-suġġet hu kbir u tajjeb biex jinħadem fi dramm; l-istorja hi minsuġa b'mod aktarx oriġinali u mhux kif nafuha minn kotba oħra. B'daqsxejn ta' tfarfira għal dik li hi ortografija u għażla ta' kliem, il-ktieb kien joħroġ aħjar.

## KOTBA OĦRA

IGINO GIORDANI, *Giannina Bigard*, imfisser bil-Malti minn A. M. Galea, faċċ. 34, The Empire Press, 1939.

*The Maltese Journal*, New York. Ġurnal ingliż maħruġ mill. Maltin tal-Amerika.

*Melita*, ġurnal bil-Franċiż u bil-Malti maħruġ mill-Maltin ta' Tunes.

☛ ĦAREĠ !

Ngħarrfu l-qarrejja li għadu kemm ħareġ

# KTIEB IL-PARALIPOMNI

li hu l-għaxar wieħed mill-

**"KOTBA MQADDSA"**

**Imfissrin bil-Malti mill-Prof. P. P. Saydon**

Dawk li huma miktubin għand l-Empire Press huma mitlubin jieħdu l-ktieb minn hemm bil-prezz ta' 1/3 jew 1/8 skond il-kwalità tal-karta. Mill-ħwienet jinbiegħ 2/- u 2/6.

---

# RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis ? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti.*

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja.*

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta,* eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket* ta' Ġinu Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom : *Minn Xtut in-Nil, L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*; u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

Il-magħrufa

# SWAN PEN

li hi waħda mill-aqwa "Fountain Pens" tad-Dinja għall-ħeffa ta' kitba, tinsab għall-bejgħ bi prezzijiet minn **10\6** 'il fuq (l-istess Prezz ta' l-Ingliterra) għand id-Ditta

**A. C. AQUILINA & Co.**

**VALLETTA**

---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, il-Belt.**